# IL-POEŻIJA MALTIJA TAT-TIENI NOFS TAS-SEKLU GĦOXRIN

## Riflessjonijiet dwar it-temi ewlenin

*Oliver Friggieri*

GĦAD li fl-arti m'hemmx progress, bħalma hemm fix-xjenza, kull żmien iġib miegħu tibdil li jirrifletti ruħu f'kull espressjoni kreattiva tal-bniedem. Waħda mill-ħafna kliem li m'għandux tifsira fissa hi l-kelma *moderniżmu*. B' 'modern' nifhmu għadd ta' ħwejjeġ, iżda aktarx nifhmu l-iżjed dak kollu li hu reċenti. Terminu li issa diġà għaddew is-snin minn fuqu hu *Post-moderniżmu*, u jixhed fażi oħra li qaddmet il-*Moderniżmu* bħala żmien u xejriet li għaddew diġà. L-għażla bejn 'tradizzjonali' u 'modern' (għażla li fil-kritika m'hix mogħtija saħħa deċiżiva iżda hi mħaddma biex tgħin fl-għarfien tal-kronoloġija tal-modi, tal-forom, tal-kontenuti u l-bqija) hi qadima daqs il-Griegi, u d-dibattitu nsibuh fid-dinja klassika diġà. L-istorja letterarja tissoktah minn żmien għal ieħor, u kull darba ż-żewġ kelmiet ibiddlu t-tifsira tagħhom. Qiegħed nuża din il-kelma, *moderna*, biex nindika żmien, aktar milli biex noffri tifsira.

Dak li lbieraħ kien ġdid, illum isir qadim, u għada l-istess. Dan jista' jidher ovvju biżżejjed, għallinqas f'artijiet fejn il-qedem mhux biss jeżisti iżda hu studjat u meqjum bħala damma ta' ħoloq li dejjem titwal. Minħabba f'hekk, l-għażla fundamentali u essenzjali, li jisħqu fuqha l-kritiċi professjonali kollha, hi bejn it-tajjeb u l-ħażin, dak li hu validu u dak li m'hux. T.S. Eliot, li rnexxielu jżewweġ lix-xejriet klassiċi max-xejriet ta' żmienu, hu wieħed mill-protagonisti reċenti li jseddqu din l-għażla li, mill-ġdid, hi elementari.

Madankollu, it-tibdil taż-żmien iġib miegħu modi u xejriet 'ġodda, għallinqas fil-forma (biex nislet ħsieb komuni ħafna fil-kritika). Tibdil politiku radikali, imbagħad, ma jistax ma jqanqalx mill-qiegħ is-saff sod fejn bħallikieku tidher l-aktar l-identità milqugħa u mistqarra bħala komuni. Għad li l-kronoloġija tal-ġrajjiet politiċi hi ċara, il-kronoloġija tal-ġrajja ta' l-ispirtu m'hijiex. M'hix ħaġa ħafifa, ngħidu aħna, li wieħed igħid meta daħlu x-xejriet reċenti fil-poeżija Maltija. Xi elementi minnhom jinstabu diġà f'Rużar Briffa. Dibattitu dwar il-'moderniżmu' (f'dan il-każ ir-realiżmu) insibuh diġà mfisser bit-Taljan f'Malta fis-seklu l-ieħor. Dawn il-ftit riflessjonijiet ħfief huma biżżejjed biex wieħed jifhem kemm il-kritika ma taqtax linja dritta bħalma tagħmel l-istorjografija politika li tistħarreġ

il-ġrajjiet u mhux ix-xejriet, il-fehmiet, l-attitudnijiet u l-bqija.

**Il-Bidu tal-Poeżija 'Moderna'**

Fl-1964 il-Professur Ġużè Aquilina ħareġ it-tieni edizzjoni ta' *Il-Muża Maltija*, li l-ewwel edizzjoni tagħha kienet dehret fl-1948. Fil-bidu tal-volum huwa kiteb din id-dedika: 'Lil dawk kollha li tħabtu fl-imgħoddi u llum biex l-Ilsien Malti li minnu ħareġ il-għana tal-muża Maltija jsir il-lingwa uffiċjali tal-poplu Malti kif inhu magħruf fil-Kostituzzjoni ta' Malta Indipendenti.' Fid-daħla tal-ktieb, fost l-oħrajn, kiteb: 'L-ewwel edizzjoni kien fiha 22 poeta. Din it-tieni edizzjoni fiha 45. Il-kotra l-kbira tal-poeti ġodda huma żgħażagħ li wrew ruħhom fil-qasam tal-Muża Maltija minn dak in-nhar 'l hawn . . . Din l-antoloġija tgħaqqad f'kor wieħed ilħna qodma u ilħna ġodda u hija għalhekk minnha nnifisha xhieda sabiħa tar-ruħ Maltija li tfisser dak li tħoss bi lsien il-poplu, li llum sar, bil-ħaqq kollu, il-lingwa uffiċjali ta' Malta Indipendenti.'

Aquilina jistabilixxi l-preżenza ta' ġemgħa ta' poeti li issa, fl-edizzjoni ta' l-1964, setgħu jidħlu biex jixhdu l-isfumaturi u x-xejriet reċenti li laħqu daħlu fil-poeżija bil-Malti. Fost oħrajn, ta' min isemmi lil Wallace Gulia (imwieled fl-1926), li forsi hu l-ewwel poeta essenjzalment 'modern' (biex ninqeda b'din il-kelma li xejn m'hi preċiża, iżda li hawn tiftiehem f'sens ta' żmien partikulari), Marjanu Vella (1927 – 1988), u oħrajn bħal Charles Coleiro (t. 1935), John Sciberras (t. 1932), Peter Serracino Inglott (t. 1936) u Achille Mizzi (t. 1939). Ilkoll, flimkien ma' oħrajn ta' l-istess qatgħa ta' għomor, jindikaw it-tiġdid kbir li introduċew fil-versi Maltin.

Sfumaturi ġodda interessanti kienu dehru diġà fi *Tlitt Iqlub* (1953) ta' Ġ. Abela, M. Cassar u J. Sciberras. Fl-1964 Charles Coleiro stabilixxa l-importanza ta' l-idjoma reċenti f'*Mirja ta' Qalbi*, ktieb li hu eżempju mill-aħjar tal-bilanċ bejn l-imgħoddi u l-preżent. Charles Coleiro, li mbagħad kellu jkun l-ewwel president tal-Moviment Qawmien Letterarju, jiddedika l-versi tiegħu lil Dun Karm waqt li jindika l-ħtieġa ta' l-iżvilupp. L-istess sena rat il-ħruġ ta' *Il-Ħajja Nżul u Tlajja'* fejn Ġużè Chetcuti jsegwi mudelli stilistiċi u tematiċi tipiċi tal-poeżija kontinentali. Achille Mizzi ssokta jseddaq ix-xejriet tiegħu introdotti fil-poeżija Maltija żmien qabel meta fl-1967 ħareġ *L-Għar ta' l-Enimmi*. Sentejn qabel kien deher *Kwartett* ta' J.J. Camilleri, Victor Fenech, Daniel Massa u Charles Vella. Jistgħu jissemmew kotba oħrajn iżda lkoll juru li t-tendenzi mdaħħlin minn poeti li kienu diġà laħqu ċerta maturità u li kienu kisbu kuxjenza tal-letteratura barranija kontemporanja (riżultat ta' l-edukazzjoni universitarja komuni għall-biċċa l-kbira minnhom) kienu qegħdin irabbu l-egħruq u jistiednu sfumaturi ġodda. Minn hawn 'il quddiem kiber l-interess, bdiet id-diskussjoni u kotru

l-kotba.

Dan il-bidu huwa importanti ħafna kemm fih innifsu, u kemm storikament, għaliex juri l-kontinwità tas-snin li jorbtu f'ħannieqa waħda lil poeti bħal Karmenu Vassallo, Rużar Briffa u Anton Buttigieg (hu nnifsu konxju tax-xejriet reċenti) mal-poeti żgħażagħ ta' żmienhom stess. Is-snin ta' qabel l-Indipendenza, mela, forsi s-snin ħamsin stess, huma parti mill-kwadru kumpless li jinkludi kurrenti differenti, ilkoll validi għal raġunijiet differenti.

**Il-Qawmien Letterarju u l-Università**

Is-snin sittin organizzaw xejriet li bdew jinħassu qabel, waqt li żviluppawhom f'ċerti direzzjonijiet. Kibret il-kuxjenza tal-movimenti letterarji reċenti għaliex ħafna mill-ilħna ġodda kienu esposti għalihom bħala studenti fl-Università. Meta dħalt fl-Università fl-1964 niftakar li ntlaqatt mill-ħażna tal-kotba tat-taqsimiet tal-Letteratura Ingliża u Amerikana u Taljana fil-Librerija. Kienu dinja ġdida u wiesgħa miftuħa quddiemna biex niskopruha aħna u mexjin fl-istudji akkademiċi fi ħdan il-Fakultà ta' l-Arti. Konna niddiskutu flimkien il-qari tat-testi reċenti, il-movimenti tal-kritika, il-kontenut ta' konferenzi ta' professuri, Maltin u barranin, ta' klassi li rabtu mill-qrib lill-Filosofija u lill-Kritika.

Bl-Ingliż skoprejna fl-Università bosta awturi ta' letteraturi oħrajn, ewlenija fosthom il-letteratura Russa. Id-Dipartimenti tal-Filosofoja, ta' l-Ingliż u tat-Taljan, fost oħrajn, offrewlna perspettivi ġodda, orjentamenti serji, viżjonijiet akbar. Stajna naraw x'kien jonqosha l-letteratura Maltija biex tikber hi wkoll fi spirtu li jgħaqqad il-ħerqa taż-żgħożija ma' bażi akkademika u letterarja soda. Hekk trawwem, bħallikieku istintivament, grupp ta' kittieba ġodda lkoll studenti universitarji. Għalhekk ma sibthiex bi tqila wisq biex, waqt li kont qiegħed inhejji l-pubblikazzjoni tal-ktieb *Dħaħen fl-Imħuħ* (1967), li jinkludi għażla bikrija ta' poeżiji ta' Albert Marshall, Ġorġ Borg u tiegħi, nitlob lir-Rev. Prof. Peter Serracino Inglott biex jikteb id-daħla kritika, l-ewwel sehem sinifikanti tiegħu f'dan il-qasam. F'dak l-ambjent ta' aġġornament letterarju u ta' orjentament kritiku, l-istudenti-kittieba bdew jiksbu dehra internazzjonali tal-letteratura u japplikawha għal Malta.

Kont fit-tieni sena tal-kors tal-B.A. meta xandart l-artiklu 'Għandna Qawmien Letterarju?' f'*Il-Ħaddiem* tat-2 ta' Awissu 1966. Fost ħwejjeġ oħra kont ktibt: 'Għandna qawmien letterarju fil-Poeżija Maltija ta' llum? Il-letteratura tagħna miexja jew tinsab wieqfa? . . . Nibża' li l-letteratura Maltija diġà għaddiet mill-aqwa żmien tagħha u donnha nieżla n-niżla.' Albert Marshall, ħabib antik u sieħbi fil-kors universitarju ta' l-Arti, wieġeb

għall-artiklu tiegħi b'artiklu li ġieb l-istess isem. Ftit li xejn stajt nobsor, meta ktibt dak l-artiklu mqanqal mill-orizzonti li offrietli l-edukazzjoni universitarja, li dik il-kitba tiegħi kellha tqajjem dibattitu sħiħ li ma damx ma xtered f'għadd ta' ġurnali oħra. Il-frażi 'Qawmien Letterarju' li għażilt bħala isem għall-artiklu, ftit wara daħlet fl-isem ta' għaqda ġdida li swiet ħafna biex qajmet interess ġdid fil-letteratura. Il-'Moviment Qawmien Letterarju', imwaqqaf f'Novembru 1966 u mħabbar uffiċjalment f'Jannar 1967, għaqqad flimkien għadd ta' żgħażagħ li maż-żmien kellhom jagħtu l-aħjar poeżija u proża tas-snin sebgħin u tmenin.

Dawn il-kunsiderazzjonijiet, madankollu, huma l-iskorċa storika, il-qafas barrani ta' dik li hi l-mixja letterarja Maltija minn nofs is-snin sittin 'l hawn. Id-dati u l-avvenimenti, l-għaqdiet u l-manifesti, il-programmi ta' tiġdid indikati f'artiklu għandhom l-importanza tagħhom, iżda mbagħad hija biss il-kelma li tista' trodd, dejjem b'diffikultà u skond ir-ritmu meqjus taż-żmien, ir-riżultati li huma tassew letterarji. Fi kliem ieħor, iż-żerriegħa li nxteħtet fil-ħamrija fis-snin sittin bdiet tieħu bil-mod iżda ma tatx il-frott veru tagħha qabel ma għaddew is-snin. L-ekwilibriju ried madwar għaxar snin jew aktar biex beda jinstab. Fuq naħa, il-poeti 'qodma' li semmejt issoktaw jimmaturaw fit-triq li daħlu fiha snin twal qabel; il-poeti 'ġodda' aktar żgħażagħ daħlu huma wkoll fil-kurrenti reċenti, waqt li mill-isperimentazzjoni bikrija kellhom igħaddu, biż-żmien, biex isibu l-ispirazzjoni u l-individwalità vera tagħhom. Mit-taħbila lingwistika (lessikali, sintattika, idjomatika) tal-bidu mimli reazzjoni kellhom igħaddu għal lingwaġġ nadif u mirqum li jinkiseb biss b'taħriġ twil u bil-kalma.

**Is-Sejba ta' l-Identità Mediterranja**

Il-mogħdija mill-kolonjaliżmu għall-indipendenza ma teskludix it-tentazzjoni paradossali li wieħed jinħakem minn kumpless ta' inferjorità jew biża' li jdum biex isib soluzzjoni. Il-preżenza ta' l-Ingliż, vantaġġ kbir fiha nnifisha, setgħet esponiet lill-imħuħ ġodda għal kultura li ma kinitx direttament tipika tar-reġjun. Is-sens ta' l-istorja kellu jistenna s-snin biex jitrawwem, mhux biss bil-mogħdija awtomatika taż-żmien iżda wkoll bl-istudju u bir-riflessjoni.

Id-differenza bejn il-poeżija tas-snin sittin u l-poeżija tas-snin sebgħin u tmenin tista' tixhed dan. Hi d-distanza bejn il-fażi bikrija ta' l-isperimentazzjoni u l-fażi ta' ċerta adultezza fejn jisseddqu l-modalitajiet tal-kitba bis-saħħa ta' għażliet konsapevoli magħmulin fid-dawl tat-tiġrib kulturali u personali, kif ukoll skond temperament imbiddel u mwettaq mill-età. Fi studji dwar awturi partikulari dan jista' jidher aħjar (kif fittixt li nagħmel f'kitbiet oħrajn) għaliex kollox jitqies fi ħdan il-kwadru tal-mixja sħiħa ta'

l-awtur, u l-proċess tal-prova, tar-reviżjoni, ta' l-għażla u tal-konferma ta' stili u kontenuti jidher kif imissu bħala mixja lejn punt mixtieq.

Hemm damma sħiħa ta' punti ta' kuntrast bejn is-sittinijiet u s-snin ta' wara. L-ewwel kuntrast hu ovvju biżżejjed u jolqot lil-livelli milħuqa. Iżda aktar minn kwistjoni ta' maturazzjoni li tiġi maż-żmien, hawn igħodd il-prinċipju ta' l-attitudni. Tul medda ta' snin deċiżivi fil-ħajja ta' żagħżugħ dehru wkoll l-għażliet ġodda li jwarrbu l-għażliet kważi awtomatiċi u istintivi tal-bidu. Ftit eżempji jistgħu jkunu biżżejjed għall-għanijiet ta' dawn il-ftit kummenti ġeneriċi. Minflok ix-xeħta kważi anti-reliġjuża jew irreliġjuża, li kienet moda, daħlet xeħta profondament reliġjuża. Imsoffija mir-retorika u mill-istituzzjonaliżmu, il-fidi reġgħet kisbet il-primat li kellha dejjem fir-ruħ Maltija. Is-sens tad-divinità, wara kollox, huwa qadim f'Malta daqskemm huma qodma l-imqades bikrija, u jmur wisq iżjed lilhinn mit-tradizzjoni Pawlina u mir-riflessi tas-silta Maltija fl-Atti ta' l-Appostli. Ir-reazzjoni kontra s-sistema edukattiva (aktarx il-kawża ewlenija tat-trattament ta' ċerti temi) tbiddlet f'kompromess jew fi programm modest ta' tiġdid persunali tal-kittieb innifsu, hu nnifsu sikwit għalliem.

Ir-rabta mal-belt industrijalizzata, bħallikieku rebħa li tisfida l-bixra 'raħlija' ta' Malta, ma damitx ma qanqlet riflessjoni fuq il-perikli ta' l-urbanizzazzjoni, u magħha xewqa li jerġa' jixref il-karattru innoċenti u primitiv tar-raħal Malti li issa deher imhedded fix-xejriet kollha tiegħu. Il-poeżija li dehret bħala l-prodott faċli ta' kamra tar-ritratti bdiet timmatura biex tidher aħjar fil-verità tagħha: ritratt ġewwieni, psikoloġiku, eqreb lejn l-X-Ray milli lejn ritratt tal-kulur. Mill-ambjenti tad-divertiment storbjuż, imfittxa miż-żgħażagħ, il-poeta beda jgħaddi għall-imkejjen solitarji u siekta. Mit-tiftixa ta' retorika ġdida kontra r-retorika qadima, il-versi għaddew biex ifittxu s-sempliċità mimlija tifsir. Mill-kumplessità artifiċjali li tfixkel il-komunikazzjoni, il-poeta għadda għaċ-ċarezza li tibni rapport. Minn dik li dehret bħallikieku fixla frenetika fi tmiem is-snin sittin, l-ispirtu poetiku, donnu għajjien u deluż, għadda għax-xeħta miġbura, riflessiva, meditativa, kważi mistika tas-snin ta' wara. Dik li dehret bħala 'tradizzjoni li għandha tintrema' (biex insensel frażi għal dan il-kuntest) reġgħet dehret bħala dik li hi, sewwasew kif jaraha T. S. Eliot, ħaġa sagra li tvarja, il-ħamrija fejn hemm l-egħruq qodma u fondi, il-qofol ta' l-identità. Dik li setgħet dehret bħala Malta kerha ma damitx ma tbiddlet f'ambjent raħli mixtieq, l-aktar minħabba t-theddida kbira tal-qerda tal-pajsaġġ u l-mewt imgħaġġla ta' bosta drawwiet egħżież għall-kotra. Mill-ġdid, bħall-poeti ta' qabel, il-ġenerazzjoni l-ġdida wriet li l-aqwa ekologu kien u jibqa' l-poeta.

Hekk ukoll ġara lis-sens ta' Malta bħala gżira. Waqt li l-kelmiet *iżolament* u *insularità* huma t-tnejn imnisslin mill-kelma Latina *insula*, fl-identità tal-

pajjiż bħala gżira nstabet għajn ta' ispirazzjoni kbira. Il-gżira reġgħet saret tfisser bosta ħwejjeġ: l-art magħluqa, ir-ruħ solitarja, il-kosmos stess. Il-misteru reġa' daħal biex jieħu l-primat fuq kull preokkupazzjoni immedjata oħra. Mas-sens tal-gżira jmur is-sens tas-solitudni. Din ukoll, tipika tat-tradizzjoni kollha, sabet spunti ġodda u minn kriżi sikwit tbiddlet f'kisba; minn motiv ta' diqa sikwit qanqlet motiv ta' mistrieħ. Minn kundizzjoni ġeografika saret kontenut psikoloġiku u fl-aħħarnett ambjent tar-ruħ.

Il-lingwaġġ ukoll reġa' sab il-bixra matura tiegħu. Mill-qigħan tal-lessiku qadim Malti, mis-saff Għarbi għani u sabiħ, il-poeta reġa' skopra s-seħer tal-ħsejjes li jiswewlu l-aktar biex ifissru s-sens li jrid. Jekk għeb il-preġudizzju storiku tal-puriżmu, li qajjem reazzjonijiet estremi fuq iż-żewġ naħiet, daħal is-sens tal-qies, tal-kalkolu li jiggarantixxi l-komunikazzjoni daqskemm id-dinjità. Fil-politika stess infetħu twieqi ġodda fuq id-dinja Għarbija. Hekk ukoll ġralha t-tematika tal-patrijottiżmu. Jekk sal-bidu tas-snin sebgħin wieħed seta' jaħseb li din kienet paġna magħluqa, politikament u għalhekk ukoll (sic) poetikament, il-ġrajjiet politiċi tas-snin sebgħin reġgħu tawha l-attwalità. L-Ingilterra ma baqgħetx biss ħakma mbiegħda u mgħoddija iżda reġgħet dehret bħala forza li titlob l-offensiva. L-idea tan-nazzjonalità kellha terġa' tisseddaq, il-patrijottiżmu deher bħala kundizzjoni li tista' titheżheż. Fl-1974 Malta saret repubblika, waqt li fl-1979 ingħalqet il-bażi militari Ingliża. Huma ġrajjiet nazzjonali ewlenin li reġgħu talbu lill-poeta li jkun patrijottiku. Għadd ta' poeti għannew ir-Repubblika u Jum il-Ħelsien. Dan ma jfissirx li din it-tematika sabet dejjem id-diwi li xerqilha, iżda jfisser żgur li l-prinċipju tar-rabta bejn is-soċjetà u l-arti kellu jirrendiha attwali.

Ir-reliġjożità profonda tal-poeżija Maltija (bħal ta' l-arti Maltija kollha) mhux biss ma kinitx miċħuda, iżda saret bħallikieku l-qofol tematiku, is-sies taċ-ċertezza, il-punt tar-riferiment. Xhieda ħafifa ta' dan hi l-insistenza fuq il-vjaġġ/vjaġġatur bħala l-mudell immaġinattiv li l-poeta jidentifika ruħu miegħu, jinqeda bih biex irodd definizzjoni tiegħu nnifsu. L-Eżistenzjaliżmu, li kien ħalla diġà l-effetti tiegħu fuq il-letteratura ta' l-ewwel nofs tas-seklu għoxrin (e.g. fuq *Il-Jien u Lilhinn Minnu* ta' Dun Karm) inkixef mill-ġdid minn awturi ġodda u f'kundizzjoni ġdida, iżda dejjem minħabba preokkupazzjoni elementari waħda: it-tiftixa ta' l-awtentiċità u tas-sinċerità (biex ninqeda b'żewġ kelmiet egħżież ħafna għal Kierkegaard daqskemm għal Sartre u l-oħrajn).

Kollox jindika li l-ħarsa lejn l-Ingilterra u lejn l-Amerika ma damitx ma dehret bħala ħarsa li kienet qiegħda tinjora l-egħruq tal-gżira u tar-reġjun, il-Mediterran. Bil-ftuħ fuq id-dinja wiesgħa ta' barra, bis-saħħa ta' l-Ingliż (fost ilsna oħra), wieħed seta' jiftakar li dan l-ilsien internazzjonali ma

kienx ifisser identifikazzjoni awtomatika mal-kultura Anglo-Amerikana, imbiegħda u maqtugħa sostanzjalment mit-temperament Malti, bħala temperament Mediterranju. Għall-kuntrarju, hu liema hu l-ilsien barrani li bih wieħed jikseb kuxjenza tad-dinja kbira ta' madwaru, kellu jkun l-ispirtu tar-reġjun li jitlob l-unika fedeltà. Hi fedeltà, fil-fehma tiegħi, awtomatika, jiġifieri ogħla u ifned mill-att tar-rieda individwali. Fi kliem ieħor, l-identità m'hix riżultat storiku u magħżul, għallinqas f'dan il-każ, iżda fenomenu naturali li l-eżistenza u l-essenza tiegħu ma jiddependu xejn mil-livell ta' l-għarfien.

Biex nislet ħsieb ta' Einstein: il-ħuta ma taf xejn fuq il-baħar li tgħum fih. Iżda xorta waħda tgħum fih, u hi ħuta. Waqt li espert tal-ħut jaf ħafna fuq il-baħar u fuq il-ħut, l-identità tiegħu hi biss umana. Din il-qawwa istintiva, din l-individwalità Mediterranja, kellha tieħu s-snin mhux biex tinkiseb iżda biex titfisser, tinfeda u tieħu sura poetika, imnaddfa mill-preġudizzji mgħaġġla ta' epoka sperimentali u qasira. Il-politika wkoll introduċiet dan l-orjentament; il-poeżija laħħmitu f'għadd ta' xejriet, bħalma huma t-tematika, l-għażla lessikali, il-frażeoloġija, il-forom poetiċi u l-bqija.

Il-kisba tas-sens reġjunali, bħala s-sens 'nazzjonali' sħiħ (il-Mediterran bħala nazzjon magħmul minn bosta nazzjonijiet li huma differenti daqskemm jixxiebhu), aktarx li hi l-akbar karatteristika tal-ġrajja tal-poeżija Maltija mis-snin *sebgħin* 'l hawn. Ir-reliġjożità, is-sens ta' l-infinit u tal-misterjuż, is-solitudni, is-sikta, il-motiv tal-pajsaġġ, it-tifkira qawwija tal-qedem storiku, in-nostalġija, il-malinkonija li bħallikieku tkeċċi mis-saltna tal-lirika lill-iċken ħjiel ta' ċajt: dawn u bosta xejriet oħra (tematiċi li minnufih jimplikaw xejriet formali) iseddqu minnufih il-fehma ppruvata li l-poeżija reċenti għaddiet minn burdata ta' sperimentazzjoni mgħaddba (is-snin sittin) għal fażi twila (is-snin sebgħin u tmenin) li l-maturità tagħha tinġabar l-aktar fil-kalma tal-kisba ta' l-identità. Imnikkta jew hienja, hi l-identità ta' reġjun li l-individwalità Maltija tieħu sehem prominenti fiha għallinqas minħabba għadd ta' xejriet tagħha: (a) il-viżjoni Teoloġika li hi mifruxa fil-viżjoni nazzjonali kollha (hi tradizzjoni qadima li tmur lura sa l-imqades bikrija u tissokta bit-tradizzjoni Nisranija); (b) il-qagħda ta' Malta bħala gżira; (ċ) il-qedem ta' l-istorja; (d) il-laqgħa kostanti f'Malta ta' ċiviltajiet ewlenin li lill-pajjiż għamluh bħal mikrokożmu tar-reġjun kollu, saħansitra bil-laqgħa, fi ħdan l-ilsien Malti, tal-wirt Semitiku mal-Wirt Latin.

## Mixja ċiklika

Dawn u xejriet oħrajn iwasslu għall-konklużjoni li l-identità sostanzjali tal-gżira ma tbiddlitx, u li din il-konsistenza storika kellha tkun imfissra, fost l-oħrajn, fil-Poeżija. Iżda dan kien seħħ diġà fil-kitba bikrija bil-Malti u fl-

aħjar żmien tal-poeżija Maltija fl-ewwel nofs tas-seklu għoxrin. Il-produzzjoni kontemporanja tixhed ritorn sistematiku, bħallikieku istintiv, lejn il-qofol sostanzjali tipiku tat-tradizzjoni. Nistgħu nitkellmu dwar dak li hu msejjaħ 'Romanticiżmu etern', usa' u akbar mir-Romanticiżmu storiku, għad li marbut mill-qrib miegħu bil-ħjut li jsenslu flimkien lill-kawża u lill-effett. F'bosta aspetti l-poeżija vera tas-snin ta' wara l-Indipendenza, li kif rajna kellha tieħu ż-żmien biex timmatura, hi romantika. Dan kollu jaqbel mal-bixra l-aktar magħrufa tal-lehma Mediterranja, waqt li jbegħedha ħafna mil-lehma Anglo-Amerikana.

Fi kliem ieħor, dik li dehret bħala influwenza Ingliża, imnissla mit-tixrid ta' dak l-ilsien, ma damitx ma ħadet is-sura naturali tagħha: influwenza reġjunali li, għad li magħrufa l-aktar permezz ta' l-Ingliż, m'hix Ingliża. Hu proċess tipiku tal-mixja umana mit-tfulija għall-adultezza; iż-żmien iqiegħed waħdu kollox f'postu. Fil-poeżija dan ifisser li hemm mixja ċiklika, magħmula minn fażijiet li jgħaddu għal ftit biex jirritornaw, dejjem bit-tibdil ovvju taż-żmien. Wara kollox, sa fl-aħħar kien miftiehem il-prinċipju importanti li 's-sabiħ' ta' żmien ma jeskludix u ma jgiddibx 'is-sabiħ' ta' żmien ieħor.

Eżempju wieħed hu biżżejjed biex jagħti ħjiel ta' dan. Il-poeti ta' qabel skoprew il-qedem tal-gżira u għannewh fih innifsu u bħala għajn ta' appoġġ psikoloġiku għall-abitanti. Il-poeti mis-snin sittin 'il hawn qegħduh fin-nofs tal-viżjoni kontemporanja tagħhom: huwa ħażna ta' dinjità, motiv ta' nostalġija, għelm ta' l-egħruq nazzjonali li jridu jitfittxu, sikwit tar-ruħ fittiexa nnifisha. Mill-ġdid, il-Poeżija dehret bħala kuxjenza ekoloġika, ħabbâra tar-riklam turistiku (bħalma kienet il-poeżija Maltija sa mill-bidu tagħha, u bħalma għamlet meta laħqet il-qofol tagħha fl-ewwel nofs tas-seklu għoxrin). Hekk ukoll 'il-qedem attwali' jew 'ħaj': il-pajsaġġ. Bosta kritiċi jsostnu li l-letteratura Mediterranja hi, fil-qalba tagħha, pajsaġġistika, immexxija minn ħerqa fondamentali ta' djalogu ma' l-ambjent. Dan jispjega għala l-poeżija Maltija, bħalma kienet fl-imgħoddi, baqgħet tit-nebbaħ mid-dehra tal-kampanja, waqt li fil-belt industrijalizzata tilmaħ ukoll il-qerda tar-raħal, ta' l-art oriġinali. Min-naħa l-oħra, din il-poeżija tivvaluta wirt naturali li fl-imgħoddi kien imċaħħad mill-apprezzament, waqt li fi żmienna hu mhedded mill-qerda.

Taħt dan is-saff profond, minbarra dawn l-elementi reġjunali, hemm ukoll għadd ta' elementi lokali jew Maltin, tipiċi saħansitra tal-fatt li l-pajjiż hu gżira, u gżira żgħira. L-insularità u ċ-ċokon mhux biss m'humiex meqjusin hawn bħala limiti iżda jiksbu d-dimensjoni ta' komponenti ta' identità. Il-kampanja m'hix biss osservata fis-sbuħija tagħha; hija wkoll imġarrba bħala turija tal-misteru universali. Il-filosfu istintiv, żgħir, naturali,

mitwieled fil-bniedem, jitħallat mal-poeta, jew aħjar ma' dak it-tip ta' poeta li ċerta poetika mgħoddija u kontemporanja tqisu bħala tifel li ma jikber qatt. Għal Pascoli, ngħidu aħna, dan huwa t-tifel li jitmexxa bla ma jaf imexxi; għal Maritain huwa dak li jinsaq mill-bniedem prattiku. Dawn ir-riflessjonijiet jistgħu jiksbu tifsira wisq akbar meta huma applikati għal letteratura ta' art ċkejkna fejn iċ-ċokon joħloq effetti (ħżiena u tajbin) fil-bniedem medju u li mbagħad se jsibu d-diwi naturali tagħhom fl-egħmil poetiku.

**Minn 'Linji Ġodda' sa 'Ilħna Mkissra'**

Il-medda tas-snin li tifred lil *Linji Ġodda* (1973) minn *Ilħna Mkissra* (1989) hi l-kawża ta' distanza teknika u tematika wkoll. Il-Professur Peter Serracino Inglott għamel iż-żewġ għażliet bil-għan li joffri ġabriet rappreżentativi ta' żminijiet li, għad li m'humiex imbiegħda bil-bosta minn xulxin, huma differenti f'ħafna aspetti. Ftit jista' jkun hemm dubju li *Ilħna Mkissra* hi antoloġija superjuri ħafna għal *Linji Ġodda*. F'din ta' l-aħħar hemm wisq l-estemporanejità, ir-rabta mal-post u maż-żmien partikulari. Il-kontinġenza rebħet wisq fuq l-assolut, u x-xejra staġunali tegħleb bl-ikreh ix-xejra l-iżjed poetika ta' kull att imnebbah: il-qabda tas-sens universali, tar-rilevanza li tikber, u mhux tiċkien jew tgħib u tikkonsma ruħha, aktar ma jgħaddi ż-żmien.

Għalhekk waqt li bosta tentativi ta' *Linji Ġodda* aktarx li jintesew maż-żmien u huma diġà eżempji sekondarji fil-mixja poetika ta' kull awtur (minkejja l-eċċezzjonijiet), il-kotra tax-xogħlijiet imdaħħlin f'*Ilħna Mkissra* għandhom saħħa biżżejjed biex jegħelbu l-limiti tal-gaġġa temporali u jgħixu aktar mal-mogħdija tas-snin minn fuqhom. U dan hu xhieda ta' proċess naturali u normali għall-aħħar. Hemm medda ta' snin li rat lill-poeti jgħaddu mill-isperimentazzjoni taż-żgħożija għall-maturazzjoni ta' l-irġulija. Reġgħu tfaċċaw ix-xejriet tipiċi tal-Poeżija Maltija, komponent żgħir iżda awtentiku tal-wirt Mediterranju. Isseddqet ir-rabta ma' l-egħruq, li huma ixjeħ miż-żmien u bħallikieku superjuri għalih għaliex jaħżnu fihom 'il-fdalijiet tas-subkonxju', ir-riżultati misjura tal-ħajja li issa tbiddlet f'memorja tar-razza, biex nislet ħsieb għażiż ħafna għal Jung.

Minflok iċ-ċirkustanzi immedjati, il-kwadretti provinċjali ta' żmien partikulari, daħlu bis-saħħa ta' qabel il-mudelli arketipiċi li jillustraw lill-bniedem (Malti jew m'hux) fis-sħuħija tiegħu, ogħla minn fejn qiegħed u minn meta qiegħed igħix. Ħafna mill-kronaka ddewbet f'lirika, ir-rappurtaġġ ġurnalistiku nħema biżżejjed biex sar riflessjoni misjura, il-lingwaġġ dirett u bla maħsub inħadem kif jixraq biex issawwar f'dizzjoni poetika. Fuq kollox, reġgħet telgħet fil-wiċċ id-dimensjoni filosofika, dik li turi li anki l-poeżija ta' pajjiż żgħir u magħluq fih innifsu tista' tieħu n-nifs tal-ftuħ,

titwettaq mill-beraħ ta' l-infinit.

Dawn huma biss xejriet elementari ta' dik li sejjaħtilha "mixja ċiklika". Stħarriġ metodiku juri aħjar kemm il-poeżija "l-ġdida" hi fidila lejha nnifisha billi baqgħet fidila lejn l-identità fundamentali tal-leħma tal-pajjiż u tar-reġjun. Bħala ipotesi, dan hu dejjem possibbli għaliex il-ġrajja tal-poeżija universali ilha li tat xhieda tiegħu. Iżda dan hu wkoll diskors *a posteriori*, imqiegħed fuq is-sisien ta' xhieda interna, testwali, jiġifieri ta' ġrajja poetika li seħħet (fis-snin sebgħin u tmenin). Il-kronoloġija hi proċess li r-rieda ma tegħelbux; il-kittieba tas-sittinijiet illum kibru fil-għomor u ssajru fit-tiġrib, u l-età li kellhom huma hi l-età ta' oħrajn li ġew warajhom. It-testi nfushom, min-naħa l-oħra, iseddqu dan bl-uniku mod milqugħ mill-kritika: bl-analiżi tal-kompożizzjoni poetika, bl-istħarriġ tad-distanza li tifred lill-punt tat-tluq (jew l-esperjenza) mill-punt tal-wasla (jew il-poeżija). Hawn id-distanza hi kbira biżżejjed biex wieħed jikkonkludi li l-materja prima sa fl-aħħar saret tassew lirika.

**Egħluq**

Kollox jindika li l-Poeżija (bħan-Narrativa) reċenti fissret mill-qrib, b'intensitajiet differenti, lill-ansjetajiet kemm taċ-ċittadin u kemm tal-bniedem. Ħarset kemm fil-qrib u kemm fil-bogħod, użat volum ta' vuċi differenti skond waqtiet storiċi differenti. Fost l-oħrajn, il-mogħdija mill-kolonjaliżmu għas-sovranità hi riflessa kemm fit-tiftix ta' spunti 'ġodda' (is-sens ta' din il-kelma fl-arti hu dejjem relativ, u jgħodd aktar għall-forma milli għall-kontenut), u kemm fir-ritorn lejn il-qofol essenzjali. Dan ir-ritorn iseddaq il-fehma li l-poeta Malti wkoll hu matur biżżejjed biex jitkellem f'termini universali u filosofiċi, u jegħleb it-theddida kontinwa tal-provinċjaliżmu u ta' l-egħluq ta' pajjiż żgħir ħafna. Min-naħa l-oħra, dan ir-ritorn reġa' wera li n-nazzjonalità Maltija teżisti tabilħaqq u li, waqt li tgħaddi minn qagħda storika għal oħra, ma titbiddilx fil-qofol tagħha. Ngħidu aħna, il-poeżija għadha dokument ta' ruħ Nisranija, aktarx malinkonika, imsieħba f'taħdita mal-pajsaġġ, ħerqana li tmur lura biex tifhem il-qedem tagħha, imħassba mill-ġejjieni, marbuta mal-komponenti essenzjali tat-'tribù' (il-familja, is-soċjetà, il-gruppi soċjali distinti).

Jekk twessgħu l-punti tar-riferiment (li qabel kienu wkoll Mediterranji, jew aħjar eminentement Taljani, imdawlin mill-aħjar awturi tat-tradizzjoni letterarja ta' l-Italja, minn Dante sa Manzoni, Foscolo, Leopardi, Carducci u oħrajn aktar reċenti), minn dak iż-żmien 'l hawn deher minnufih li dawn il-punti tar-riferiment huma dejjem l-istess, u jvarjaw biss fl-enfasi u fil-preferenzi. Ir-raġuni hi dik li ngħatat qabel: teżisti tassew ir-ruħ Maltija, li hi kemm lokali bħala tali, u kemm reġjunali għaliex tieħu sehem f'identità

wisq akbar. Ir-raġunijiet storiċi u kulturali tbiddlu, waqt li l-qagħda ġeografika baqgħet, naturalment, l-istess. Hekk ukoll baqgħet, fil-qofol tagħha, id-dispożizzjoni. L-isfond politiku, fuq kollox, baqa' l-palk li l-inqas li tbiddel għaliex irrenda attwali aspetti tad-dibattitu li l-poeżija tal-bidu tas-seklu kienet ilha tisħaq fuqhom.

Stħarriġ tax-xejra lokali mfettħa biex issir xejra reġjunali u universali jista' jkun l-aħjar metodu li jwassal għall-għarfien ta' kulma hu, fuq naħa, kontinġenti u estemporanju fil-lehma poetika Maltija u, fuq in-naħa l-oħra, ta' kulma hu kategoriku u assolut, ogħla mit-tibdil ta' perijodu li jiġi biex igħaddi. Imqar ħarsa ħafifa lejn 'il-modi' tal-politika Maltija tista' tqanqal is-suspett biex jiftiehem dak kollu li mbagħad l-istħarriġ xjentifiku jista' jagħti prova sħiħa tiegħu. Il-Poeżija tħares lejn dawn il-modi, u xi drabi taħtafhom għal mument, waqt li meta hi awtentika tintebah li huma varjazzjonijiet sporadiċi ta' tema rikorrenti.

Għalhekk l-aħjar poeżija Maltija ta' l-ewwel nofs tas-seklu għoxrin u l-aħjar poeżija tat-tieni nofs tas-seklu jistgħu jiltaqgħu u jsawru koralità waħda, unanimità li sseddaq il-bixra tal-post immedjat u l-bixra tar-reġjun li Malta hi distrett qadim tiegħu. Kulma hu lokali (jew parzjali) jiftiehem fid-dawl ta' kulma hu reġjunali (jew sħiħ), waqt li s-sħiħ jinkludi lill-parti. Il-metodoloġija li qiegħed nissuġġerixxi tista' tkun żviluppata biex tħaddem għodod oħra li hawn huma irrelevanti u biex tinqeda b'punti ta' riferiment fejn ir-reġjun kollu stess jidher biss bħala parti, jew reġjun ieħor, ta' firxa ġeografika u umana (u għalhekk poetika) wisq usa'.

Professor OLIVER FRIGGIERI, author of numerous literary and scholarly works, is Head of the Department of Maltese at the University of Malta.